***Kunsill Lokali Marsaskala***
228, Triq is-Salini, Marsaskala, Malta
Tel : 21637171, Fax : 21637744,
E-mail : marsaskala.lc@gov.mt

**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Marsaskala**

**IS-SEBA LEĠISLATURA**

**Laqgħa Numru 78**

**It-Tnejn 26 ta' Novembru 2018**

Il-Kunsill Lokali Marsaskala ltaqa' fl-uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 228 Triq is-Salini Marsaskala fis-6:00 ta' filgħaxija.

**PREZENTI:**

Mario Calleja – Sindku
Charlot Mifsud – Kunsillier
John Baptist Camilleri- Kunsillier
Charlot Cassar-Kunsillier
Elizabeth Cassar- Kunsillier
Lawrence Ciantar- Kunsillier
Sandro Gatt – Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A(3):**

Desiree Attard – Viċi Sindku
Daniel Spiteri – Kunsillier

**UFFIĊJAL PREZENTI:**

Josef Grech – Segretarju Ezekuttiv

**78.1** ***<u>Qari tal-ittri ta' apoloġiji:</u>***

**78.1.1** Is-Segretarju Eżekuttiv informa l-Kunsill illi hemm żewġ ittri ta' apoloġiji tas-Sur Daniel Spiteri u Dr Desiree' Attard.

**78.2** ***<u>Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti Nru 76 tas-26 ta' Settembru 2018:</u>***

**78.2.1** Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar talab biex issir emenda f'paġna 2 artiklu 77.2.1 it-tieni paragrafu għandu jinbidel u jinqara kif ġej.

*''Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal illi meta tafa r-rata tiegħu ikkomparata mar-rata li tefa l-kuntrattur Karmig u inkluż dawn ir-rati l-ġodda staqsa lis-Segretarju Eżekuttiv jekk ser jiġi viċin ħafna it-tieni offerta'. Fil-każ li r-rati l-ġodda jiġu għola mit-tieni offerta, allura t-talba tiegħu ma tistax tiġi aċċettata''.*

***Il-Kunsillier is-Sinjura Elizabeth Cassar ipproponiet l-approvazzjoni tal-minuti kif emendati u l-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar issekonda. Il-votazzjoni kienet 5 favur, 0 kontra u 0 astenzjoni.***

**Il-minuti ġew unanimament approvati u ffirmati hemm kif emendati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv bħala dokument korrett.**

**78.2.2** Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri tkellem fuq paġna 2 artiklu 77.2.2 u qal illi jixtieq jieħu feedback fuq is-sitwazzjoni tal-iskart organiku fil-ħwienet tal-ikel għaliex l-iskema ta' ġbir ta' skart inbiddlet u ma jafx jekk is-sidien tal-ħwienet ġewx infurmati għaliex għadu jara lil xi sidien jarmu l-borża s-sewda.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi r-ristoranti suppost ilhom li ma baqgħux jarmu fil-borża s-sewda għaliex il-Wateserv tissupplixxi l-borza oranġjo illi tistgħa tinġabar mill-Kuntrattur tal-Wasteserv għas-sidien tar-ristoranti. Apparti minn hekk dawn għandu jkollhom il-kollettur tagħhom illi jiġbor l-iskart l-ieħor u mhux jintrema fil-borża s-sewda u jinġabar ma tar-residenti.

Is-Sindku qal illi hu ra rappreżentanti mil-ERA, Cleansing Department kif ukoll LESA ġewwa l-Belt Valletta fejn kienu qed josservaw il-ħwienet pero ġewwa Marsaskala ma ġie ħadd.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camnilleri qal illi l-Kunsill qed jidher ikraħ minhabba l-iskart tal-ħwienet u jekk ħadd mill-Wasteserv ma infurma lis-sidien tar-ristoranti kif ġiet l-iskema l-ġdida għandna nkunu aħna li ninfurmawhom uffiċjalment.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal illi hu jaqbel mal-Kunsillier is-Sur John B Camilleri pero` s-sidien tal-ħwienet għadhom s'issa jistennew it-trakk tal-Wasteserv quddiem il-bieb tal-bandli u jmorru jarmu kollox fih u ħadd mhu jagħti każ is-separazzjoni anke jekk kellhom ordni mill-Wateserv sabiex jisseparaw l-iskart.

Is-Sindku qal illi kemm-il darba kien qiegħed fi Triq ix-Xatt f'ħinijiet differenti u ma rax ħmieġ pero d-direttivi illi ingħataw mis-Sinjura Davinia Shead u dak li qed jgħid is-Sur Simon Curmi anke fuq stazzjoni tar-radju mhux qed jaqblu u s-Sur Curmi qed jagħti informazzjoni żbaljata.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar wera l-preokkupazzjoni tiegħu dwar il-ħin li ser jitbattlu l-boroż tal-*bins* tal-*promenade* meta fil-ġurnata jkun hemm iktar minn kollezzjoni waħda għaliex ser jispiċċa jinġabar tard.

- ***Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud daħal għal laqgħa fis-18:22.***

**78.2.3** Il-Kunsillier is-Sur Sandro Gatt qal illi kellmuh xi residenti fejn qalulu illi fil-komun tagħhom hemm bżonn li jkun hemm karta A4 bil-kulur fejn tispjega kif jinġabar l-iskart tul il-ġimgħa kollha sabiex tkun tistgħa titwaħħal fil-komun speċjalment għal dawk li jkunu fuq kirjiet qosra.

- ***Il-Kunsillier is-Sur Charlot Cassar daħal għal laqgħa fis-18:24.***

Is-Segretarju Eżekuttiv is-Sur Josef Grech qal illi għandu jkun il-persuna li qed jikri illi tinforma il-persuni li jikru mingħandu.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal illi għadna nagħmlu 4000 kopja u naqssmuhom mal-lokal.

Kien hemm qbil illi jsir leaflets A5 u jitqassmu mal-lokal.

**78.2.4** Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri tkellem fuq paġna 3 artiklu 77.2.3 u informa lill-Kunsill illi d-dawl ta' Ġnien Alfred Debono issa lesta u jekk kien hemm dubju li ma kienx ħa jkun hemm biżżejjed dawl issa nistgħu nikkonfermaw illi hemm dawl biżżejjed.

**78.2.5** Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri staqsa fuq paġna 3 artiklu 77.2.4 jekk il-kuntratt mal-Green MT ġiex iffirmat.

Is-Segretarju Eżekuttiv infurmah illi l-kuntratt baqa ma ġiex iffirmat pero irċivejna questionnaire mill-ERA fejn infurmahom anke b'dan.

Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill illi kien inżamm ċekk tal-Green MT li kien jammonta għal €400 wara li kien hemm qbil mill-Kunsill u ried ikun jaf x'ser isir fuqu.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal illi hemm ħafna affarijiet illi mhux qed isiru skond il-kuntratt u għalhekk hu jħoss illi ċ-ċekk m'għandux jingħata lill-Green MT.

Kien hemm qbil unanimu illi ċ-ċekk jiġi ikkanċellat.

**78.2.6** Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri tkellem fuq paġna 10 l-ewwel paragrafu rigward il-Waffle Master u kif baqgħet is-sitwazzjoni tal-imwejjed u siġġijiet.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi inbtgħatet ittra lill-ERA u lill-Lands dwar dan l-istabbiliment pero` ma ttieħdu l-ebda passi. Is-Segretarju Eżekuttiv saħansitra bagħat lil Pauthority dwar dan l-istabbiliment.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal illi hemm ħanut ieħor illi qed jpoġġi skip u mwejjed u siġġijiet fl-isqaq li hemm ħdejn il-ħanut, u hemm stabbililment ieħor illi qiegħed joħroġ l-imwejjed u siġġijiet fit-taraġ il-wiesgħa ta' ġol bandli.

Il-Kunsillier is-Sur Sandro Gatt qal illi hemm bżonn naraw x'ser isir.

Is-Sindku qal illi għandna nibgħatu lil-Lands Deparment u Planning Authority ninfurmawhom illi jekk mhux ser jittieħdu passi ser issir press conference.

Kien hemm qbil unanimu.

**78.2.7** Il-Kunsillier Is-Sur Lawrence Ciantar qal illi l-lattrina portabbli illi qed tkun quddiem il-Knisja jħoss illi hija eyesore u għalkemm fis-sajf kien għalaq għajnejh għaliha minħabba li kien hawn il-logħob tat-tazza ta' dinja u kien hawn iktar nies fil-lokal, ma jħossx illi għandha tibqa hemm anke fix-xitwa.

Is-Sindku qal illi din għamila sid il-ħanut minħabba li l-lattrina tagħna ma ddumx miftuħa fit-tard u ma jara xejn ħażin fiha. Kien hemm qbil li jitkellmu mas-sid forsi dawn il-lattrini jitpoġġew f'post aħjar.

**78.2.8** Il-Kunsillier is-Sur Charlot Cassar staqsa fuq paġna 3 artiklu 77.2.7 jekk għandniex xi risposta fuq il-*masterplan* għal Marsaskala mil-Planning Authority.

Is-Segretarju Eżekuttiv infurmah illi għadna ma rċivejna l-ebda risposta.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal illi jkun hawn Masterplan hija importanti pero' hawn problema akbar bil-management tal-karozzi fil-lokal.

**78.2.9** Il-Kunsillier is-Sur Sandro Gatt tkellem fuq paġna 3 artiklu 77.2.6 u staqsa jekk hemmx xi żviluppi fuq l-applikazzjoni tal-pompa tal-petrol.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi li kien hemm xi emendi fl-applikazzjoni sottomessa pero l-Kunsill huwa xorta recognised objector.

**78.2.10** Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud tkellem fuq paġna 5 artiklu 77.3.7 u staqsa xi żviluppi hemm rigward il-mollijiet.

Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb illi kien ltaqa mal-uffiċjali ta' TM u kellhom il-Perit mgħhom fejn ġie innotifikat illi hemm ħafna ħsarat estensivi fil-moll il-kbir fi Triq San Ġorġ sa ħdejn il-pixxina u qalu illi m'għandhomx fondi allokati għal dawn il-ħsarat ħlif għal moll iż-żgħir u infurmawh illi kienu ser jgħaddu dan is-suġġett fl-ewwel seduta tal-board u fl-istess hin il-Perit ikkundanna il-moll li jinsab viċin il-pixxina.

**78.3** ***<u>Komunikazzjoni mis-Sindku:</u>***

**78.3.1** **<u>Ċirkulari AKL 2018/138 – Ftehim Ħaddiema fuq skemi (RSSL u CWSEF):</u>**

Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi fl-2016 diġa bgħatulna id-DLG fejn infurmawna b'ċirkulari illi ser jingħata performance appraisal lil ħaddiema bl-iskema ta *Community Workers Scheme* u jitħallas mil-Jobs plus wara li l-Kunsill ikun għamel evalwazzjoni ta' kull ħaddiem li għandu assenjat miegħu. Kompla jgħid illi din is-sena irċivejna mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali fejn qed jgħidulna illi sar ftehim mal-RSS U CWSEF fejn hemm mniżżel ix-xogħolijiet li jistgħu jsiru min dawn il-ħaddiema.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal illi ħafna mix-xogħolijiet mniżżla jistgħu jsiru mill-ħaddiema li għandna

Is-Segretarju Eżekuttiv kompla jgħid illi fin-numru 11 hemm mniżżel il-*performance appraisal* fejn dan ser jibda jitħallas mill-Kunsill.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar staqsa jekk hemmx imniżżel il-ħinijiet li suppost jaħdmu dawn il-ħaddiema.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi hemm mniżżel li jridu jgħamlu 40 siegħa fil-ġimgħa u ma hemmx stipulat minn x'ħin sa x'ħin.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal illi jekk dan il-kuntratt huwa għall ħaddiema kollha, allura il-ħaddiema kollha għandhom jaħdmu l-istess siegħat.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi l-performance appraisal jistgħa jingħata bil-persentaġġi skond kif imniżżel fil-kuntratt – 70% - 80% - €250, 81%-89% - €350 u 90% - €450.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi tkellem mas-Sur Bonavia u qallu illi jekk l-Kunsill ma jkunx irid jagħti *performance appraisal* huma ser ineħħu l-ħaddiema li għandna assenjati magħna.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar u l-Kunsillier is-Sur John B Camilleri staqsew kemm hawn ħaddiema jaħdmu mall-Kunsill.

Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb illi fil-preżent għandna tmienja.

Is-Sindku qal illi hu jħoss illi għandna ngħatu lil dawk li ħaqqhom.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar staqsa jekk il-Kunsill jagħmilx rapport tax-xogħolijiet li jkunu għamlu kull xahar.

Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb illi dak ir-rapport isir għal ħaddiema tal-RSS.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal illi bl-ammont ta' ħaddiema li għandna għad-dispożizzjoni tagħna x-xogħol fil-Lokal għandu jkun ħafna aktar min dak li qed isir, kompla jgħid illi kien hemm zebgħa f'central strip li lanqas sar sew u qal illi anke x-xogħol li jsir is-Sibt għandna naraw li qed isir sew.

Is-Sindku qal illi ma jħossx illi għal madwar €3000 f'sena għandna nitilfu s-servizz ta dawn il-ħaddiema.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi hu jaqbel illi jingħataw bonus pero fl-istess ħin għandna nużaw dan il-bonus bħala arma għall-inizjattiva li ngħatu lill dawn il-ħaddiema għaliex iħoss illi anke r-riżultat tax-xogħol li jgħatu għandu jkun ħafna aħjar min dak li qed isir.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal illi lanqas hu ma jsib problema li jingħata dan il-bonus pero dan għandu jinqasam kif suppost.

Kien hemm qbil unanimu illi s-Sindku jagħmel l-evalwazzjoni fuq kull ħaddiem u kull ħaddiem jingħata l-bonus li ħaqqu.

**78.3.2** **<u>Bċejjec tal-baħar (35/4781/18/I):</u>**

Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi l-Cleansing Department infurmawh illi lesti li jneħħu l-bċejjeċ tal-baħar li hemm impoġġija faċċata tal-pixxina pero dan isir bil-ħlas mill-Kunsill.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal illi jinsab ċert li nsibu min lest li jieħu l-biċċiet tal-ħadid.

Kien hemm qbil illi s-Sindku jkellem lid-Direttur tal-Cleansing.

- ***<u>Sospenzjoni ta regolamenti</u>***

## 78.5 <u>Rapporti:</u>

### 78.5.1 <u>Approvazzjoni tal-Estimi Finanzjarji 2019.</u>

L-Accountant spjegat l-Estimi Finanzjarji għas-sena 2019.

L-Accountant qalet illi fl-estimi hemm imniżżel ix-xiri ta' vettura għal Kunsill u hemm allokat €30000 ghaliha.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar staqsa lill-Kunsill jekk jitħajjrux illi l-vettura tkun taħdem bil-battery.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi għalkemm hu jaqbel li tkun bil-battery pero din il-vettura trid tintuża biss għal ċertu qadi u mhux biex jitgħabbila it-tarmak u ċertu toqol fuqha.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal illi nistgħu nixtru vettura mhux tal-battery u jekk ikun hemm xi skema li tkoppri xiri ta' vetturi bil-batterija nkunu nistgħu napplikaw għaliha biex b'hekk ikollna żewġ vetturi u waħda tintuża għal qadjiet ġewwa l-lokal stess u l-oħra tintuża għal xogħol aktar iebes.

Is-Sindku qal illi tkun ideja tajba anke biex inqassmu aktar xogħol bejn aktar ħaddiema u nkunu qed nolqtu żewġ għasafar b'ġebla waħda.

***Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar ippropona l-approvazzjoni tal-Estimi Finanzjarji għas-sena 2019 u l-Kunsillier is-Sinjura Elizabeth Cassar issekondat. Il-votazzjoni kienet 7 favur, 0 kontra u 0 astenzjoni. Il-Kunsillier is-Sur Charlot Cassar astjena biss mill parti tal-allokazzjoni għal bini tal-Kunsill.***

### 78.3.3 ***<u>Laqgħa Pubblika.</u>***

Kien hemm qbil unanimu illi l-laqgħa pubblika issir il-Ġimgħa 11 ta' Jannar 2019 fis-6:00pm ġewwa l-Wasteserv.

## 78.4 <u>Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera:</u>

Ma kien hemm l-ebda mistoqsija.

**78.5.2 Aġġudikazzjoni tat-Tender KLM 2018/04 – Collection of Bulky refuse and WEE from the locality of Marsaskala using low emission transport:**

Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi għat-tender tal-Bulky Refuse kellna biss offerent wieħed u wara li ġie evalwat mill-bord u kien *technically, financial u administratevly compliant*, ir-rata tal-kuntrattur hija dik ta €3.67 + VAT għal 3 oġġetti anke jekk mhux mill-istess dar.

Il-Kunsill qabel unanimament illi l-Kuntrattur Jimmy Muscat jingħata l-offerta.

**78.5.3 Aġġudikazzjoni tat-tender KLM 2018/06 – Design and Printing of Marsaskala Local Councils Magazine:**

Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi kien hemm żewġ offerti u wara li ġew evalwati mill-bord it-tnejn kienu *technically,financial and administratively compliant* u allura qablu li tingħata l-irħas offerent TIK Communications.

Kien hemm qbil unanimu illi TIK Communications jingħata l-offerta.

**78.5.4 Aġġudikazzjoni tat-Tender KLM 2018/07 – Maintenance of Traffic signs and Road Markings Marsaskala Local Council Service:**

Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi għal dan it-tender kien hemm biss offerent wieħed l-istess kuntrattur li għandna fil-preżent Koperattiva Tabelli u Sinjali.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal illi l-importanti illi din id-darba jesegwixxi mal-kuntratt għaliex fil-kuntratt preċedenti kien hemm diversi affarijiet imniżżla fosthom dik li jdur kull triq u jara xi jkun hemm bżonn sabiex jinbidlu tabelli jew xi marki tat-toroq u dan baqa qatt ma għamel dan.

Kien hemm qbil unanimu illi din l-offerta tingħata lill-Koperattiva Tabelli u Sinjali.

***Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar ippropona l-approvazzjoni tal-aġġudikazzjoni tat-tenders u l-Kunsillier is-Sinjura Elizabeth Cassar issekondat. Il-votazzjoni kienet 7 favur, 0 kontra u 0 astenzjoni.***

**78.7 Korrispondenza**

**78.7.1 Rebecca Micallef titla notch għal Scale 10.6:**

Is-Segretarju Ezekuttiv informa lill Kunsill illi l-iskrivana s-Sinjura Rebecca Micallef għandha żieda fin-notch tagħna.

Kien hemm qbil unanimu.

**78.7.2 Damages Report mingħand CS Design fi Triq iċ-Ċervjola (35/4741/18/I):**

Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi l-Kunsill irċieva rapport mill-Periti CS Design għan-nom ta terza persuna fejn qed jgħidu li saret xi ħsara fuq il-faċċata tal-individwu minħabba lampost li saret għal-arblu tad-dawl u din inqalat u għamlet ħsara.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi sa fejn jiftakar hu ma jafx li l-Kunsill qatt għamel lanterna ma din il-faċċata pero irid jivverifika fuq il-post.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar staqsa min qala din il-lampost.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi ma kienx il-Kunsill illi qalagħha, kompla jgħid illi jekk stess il-Kunsill waħħal din il-lampost mhux suppost li inqalat mil-individwu għaliex dik hija propjeta' tal-Kunsill.

Kien hemm qbil unanimu illi l-Kunsillier is-Sur John B Camilleri jivverifika jekk din twaħħlitx mill-Kunsill u min qala din il-lanterna.

**78.7.3 Skema Finanzjarja- Korsijiet tal-Lifelong Learning 2018-2019 (35/4494/18/I):**

Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi din is-sena l-Kunsill iddeċieda li joffri il-korsijiet tal-lifelong fejn kien hemm ammont kbir ta' nies li applikaw fejn it-training centre ma kienx hemm post għal kulħadd u allura dawn il-korsijiet ser isiru ġewwa l-iskola u jrid isir ħlas ta' €1400 fejn dan ser jiġi kopert mill-istess skema.

**78.7.4 Informazzjoni rigward PA 8662/18- Demolition of exisiting dwelling and construction of six semi-detached villas with underlying garage and common swimming pool. Bżonn li l-Kunsill jieħu deċizjoni fir-rigward ta' din l-applikazzjoni (35/4637/18/I):**

Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi din l-applikazzjoni tindika illi ser taqa villa eżistenti sabiex jinbnew 6 villel minfloka pero` magħha hemm ukoll parti oħra mill-area fejn fil-preżent hija ġnien. Kompla jgħid illi hu diġa tefa l-oġġezzjoni ġenerali sabiex wara li din tiġi diskussa fil-Kunsill ikun jista jissottometti iktar korrispondenza għan-nom tal-Kunsill.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi lilu kellmuh xi residenti fejn qalulu li din hija art pubblika.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi mil-korrispondenza li kien ra hemm miktub li jista jkun li l-art mhijiex pubblika pero` trid tinżamm għal skopijiet pubbliċi.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal illi l-importanti hu li l-art li hija pubblika u l-aċċess tal-blat ma jintmissx.

Kien hemm qbil unanimu illi l-Kunsill joġġezzjona u r-raġuni hi dik li dak li hu pubbliku għandu jirrispetta id-dominju pubbliku.

**78.7.5 Proċedura stabbilita fil-każ li l-Kunsill ikun irid ibiddel xi ħaġa mil-iskeda tal-ġbir ta' skart kurrenti.**

Is-Sindku qal illi f'Marsaskala kull Nhar ta' Ġimgħa jinġabar l-iskart organiku u l-iskart riċiklabbli filwaqt li fl-ewwel ġimgħa tax-xahar jinġabar ukoll il-ħġieġ allura jkun hemm tlett ġabriet f'ġurnata. Għalhekk hu qed jipproponi sabiex il-ġbir tal-ħġieġ jibda jsir il-Ħamis ta' kull xahar minflok il-Ġimgħa.

Kien hemm qbil unanimu li tinbeda l-proċedura.

**78.7.6** **<u>Korrispondenza mingħand is-Sur Kenneth Gafa biex jiżdiedu l-culverts fuq il-promenade faċċata ta' Ġnien Alfred Debono (35/4576/18/I):</u>**

Is-Sindku qal minħabba l-problema tar-rain water hemm bżonn li jsir bħal tunnel fil-bankina ta' quddiem il-bandli sabiex innaqqsu mill-problema u nistgħu nqabbdu l-kuntrattur tagħna sabiex jagħmilha.

Kien hemm qbil unanimu.

**78.8** **<u>Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskema ta' pagamenti:</u>**

**78.8.1** Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill bl-*invoices* li daħlu tard u ser jippreżenthom waqt il-laqgħa:

| Kreditur | Deskrizzjoni | Nru tal-Invoice | Ammont |
|---|---|---|---|
| Ronald Briffa | Renting of agarage | | €2100.00 |
| | | | |

**78.8.2** Is-Segretarju Eżekuttiv ppreżenta il-Petty cash għax-xahar ta' Ottubru 2018.

***Il-Kunsillier is-Sinjura Elizabeth Cassar ipproponiet l-awtorizazzjoni tal-pagamenti u l-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud issekonda. Il-votazzjoni kienet 7 favur, 0 kontra, 0 astenzjoni***

**78.9** **<u>Mozzjonijiet:</u>**

**78.9.1** **<u>Mozzjoni mressqa mill-Kunsillier- is-Sur John Baptist Camilleri: (#176 – 5/11/18):</u>**

*"Jipproponi li jitbaxxa il-hedging u jitneħħew dawk il-ġebel kbar li qed jostakolaw is-sewwieqa fi Triq id-Daħla ta' San Tumas k/m Triq tal-Gardiel."*

Kien hemm qbil unanimu dwar din il-mozzjoni.

**78.9.2** **<u>Mozzjoni mressqa mill-Kunsillier- is-Sur Sandro Gatt : (#177 – 20/11/18):</u>**

*"Jipproponi li l-Kunsill jipprovdi pjanti adekwati sabiex jitwaħħlu mal-ħitan/galleriji ta' max-xatt sabiex isebbħu l-iktar parti popolari li għandna f'Marsaskala. Nitolbu lil-kuntrattur sabiex il-pjanti ikunu jifilħu għall-maltemp u għal ilma baħar. Dawn ghandom ikunu kollha l-istess u l-manutenzzjoni tagħhom tkun responsabilita'tal-Kunsill.*

*Fl-opinjoni tieghi, għandom jibdew min naħa ta fejn hemm il-parkeġġ ż-żgħir u jaslu sas-Summer nights restaurant. Naturalment irridu nikkomunikaw mar-residenti u tal-ħwienet sabiex notjenu l-permessi min għandom."*

Il-Kunsillier is-Sur Sandro Gatt qal illi kien diġa tkellem fuq dan is-suġġett qabel ma għaddha din il-mozzjoni sabiex jara il-feedback mill-Kunsill, kompla jgħid illi tajjeb li nieħdu parir min rappreżentant tal-ELC fuq liema pjanti huma l-aħjar għal-klima ta' Malta u għandhom isiru fl-aktar parti popolari f'Marsaskala u l-Kunsill jissupplixxi dawn il-pjanti lir-residenti taż-żona li tintagħżel.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi l-problema hi li hawn ħafna li qiegħdin bil-kiri.

Kien hemm qbil unanimu illi nieħdu parir mill-ELC liema huma l-pjanti addattati.

* Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar staqsa x'inhi l-proċedura li ħa jaddotta l-bord ta' evalwazzjoni rigward it-tender tal-bini tal-Kunsill u min huma n-nies li ser jifformaw il-bord.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi l-bord l-ewwel ser jevalwa kull offerent u iridu jkunu *technically,financially* u *administratively compliant* jekk t-tender ma jgħaddix minn dawn it-tlett kriterji jaqa, wara din l-evalwazzjoni jintgħażel l-orħos offerent. Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi l-membri tal-bord ser ikunu l-*Accountant* is-Sinjura Doreen Calleja li ser tieħu ħsieb is-sezzjoni tal-finanzi, il-Perit Is-Sinjura Kylie Borg Marks li ser tieħu ħsieb is-sezzjoni tat-teknika u s-Segretarju Eżekuttiv is-Sur Svetlick Flores li huwa persuna intiża ħafna fit-tenders u għaldaqstant għal dan it-tip ta tender ser ikun ta' ħtieġa fil-bord, u -Segretarju Eżekuttiv is-Sur Josef Grech ser ikun ic-Chairman tal-bord.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar irringrazzja lis-Segretarju Eżekuttiv tal-ispjegazzjoni tiegħu u qal illi qed jistaqsi qabel ma jagħlaq it-tender sabiex tkun ċara li l-Kunsill huwa ppreparat.

Is-Segretarju Eżekuttiv is-Sur Josef Grech qal illi hu diġa bagħat kopja tat-tender lil membri tal-bord sabiex ikunu preparati aktar min qabel.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi għandna nagħtu żmien biżżejjed sabiex min ikun irid jitfa l-offerta jkollu ċans.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi ż-żmien li ngħata huwa dak ta' *30 calendar days* hekk kif stipulat bil-liġi.

* Is-Sindku qal illi kellu laqgħa ma' Perit illi għandu 20 student li jixtiequ jgħamlu studju fuq ir-Rihama, kompla jgħid illi peress illi hu magħluq bil-katnazzi dawn ser jinbidlu sabiex ngħatu aċċess lil dawn l-istudenti biex jagħmlu l-istudji tagħhom.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi tajjeb noqgħodu attenti għaliex ġor-Rihama hemm affarijiet li huma taż-żmien il-Kavallieri u huma ta' valur kbir.

* Is-Sindku qal illi kellu laqgħa mal-MTA u qed joffru illi jżidu r-ramel ħdejn il-kiosk li hemm f'Bajja San Tumas u s-Sindku infurmhom illi preżentament hemm ħafna alka tal-baħar u qalulu illi ser isir studju qabel ma jsir il-proġett u apparti minnhekk huma lesti li jagħmlu *site toilet* fil-Bajja San Tumas.

* Is-Sindku qal illi rigward id-dawl tal-Milied kemm l-MTA kif ukoll l-Wasteserv ser iżejjnu l-lokal.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi min naħa tal-Wasteserv inbidel il-kuntrattur tad-dekorazzjonijiet tad-dawl tal-Milied u minħabba li kien hemm żball fis-sejħa għall-offerti din is-sena ser ikollna inqas dwal dekorattivi mal-lokal.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi aħjar nikkonċentraw fuq ċertu areas milli nifirxu d-dekorazzjonijiet ma ħafna bnadi.

Kien hemm qbil unanimu illi l-Kunsill iżid ftit aktar dekorazzjonijiet u jħallas għalihom.

* Is-Sindku qal illi għal Karnival tas-sajf ġew ordnati 15-il bandalora u dawn ser jieħdu ħsiebhom l-Għaqda tal-armar.

* Is-Sindku informal lill-Kunsill illi d-dar ta' quddiem it-Tiffany's ser issir boutique Hotel bil-pool fuq il-bejt u ma jidhirx min barra.

* Is-Sindku qal illi ltaqa mal-Għaqda tal-Kultura flimkien mal-Kunsillier is-Sinjura Elizabeth Cassar sabiex ikomplu l-preparamenti għal kunċert tal-Milied.

**77.10 <u>Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss :</u>**

L-Aġenda ġiet eżawrita kollha u l-laqgħa spiċċat fit-8.40pm. Il-laqgħa tal-Kunsill li jmiss ser issir Nhar it-Tnejn 10 ta' Diċembru 2018 fis-6:00pm.

Ikkonfermat illum 26 ta' Novembru 2018.

| | |
|---|---|
| _______________ | _______________ |
| **Josef Grech** | **Mario Calleja** |
| Segretarju Ezekuttiv | Sindku |